**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 38**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 27 ta' Diċembru, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
Martina Grech – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

## Minuti

### 38.1 Approvazzjoni ta' Minuti

**Approvazzjoni ta' Minuti Nru 37**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 37, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 37 ġew approvati b'mod unanimu.

### 38.2 Mozzjonijiet

#### 38.2.1 Mozzjoni nru 98 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Wara li l-Kunsill kellu talba mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan, sabiex jassisti fil-manutenzjoni tal-passaġġ li jagħti minn Wied il-Kbir għall-entratura tal-Kamra tan-Nar, liema passaġġ jintuża b'mod regolari sabiex jiddaħħal materjal relatat mal-ħadma tan-nar tal-art u tal-ajru, nipproponi li l-Kunsill jidħol għax-xogħol ta' manutenzjoni tal-istess passaġġ, li jammonta għal madwar €8,400.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ġibed l-attenzjoni dwar il-passaġġ li jagħti mill-Ħandaq għal Wied il-Kbir, li jinsab fi stat ħażin ħafna u l-bdiewa m'għandhomx aċċess għall-għelieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara l-maltempata ta' Novembru saret site inspection u talbet stima lill-Perit, liema stima telgħet € 45,500 u għaldaqstant ressqet talba għall-attenzjoni tal-Public Works forsi jidħlu għalih huma dan ix-xogħol, għall-fatt li l-istima hija waħda għolja għall-Kunsill u ta' min iżomm f'moħħu li din iz-zona ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali.

Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

#### 38.2.2 Mozzjoni nru 99 imressqa mill-Kunsillier Ralph Puli

Il-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li jagħti rikonoxximent lil min għamel ġieħ lil Ħal Qormi u lil min ta kontribut qawwi.

Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi isemmi triq għal Francis G. Mangion, ġentlom, serju u rett. Frans kien l-ewwel Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Qormi u serva f'din il-kariga għal madwar 6 snin. Huwa bena l-istruttura amministrattiva tal-Kunsill Lokali mix-xejn u għalhekk huwa xieraq li l-Kunsill

Lokali jagħti rikonoxximent lil din il- persuna.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li ppreżenta mozzjoni ftit tard li tgħid,

*Is-Sur Francis Mangion, jew Frans kif nafuh aħna l-Qriema, kien l-ewwel Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.*

*L-aħħar li tkellimna kien ftit tal-ġimgħat ilu meta kont id-dar tiegħu. Dejjem jistaqsini kif sejrin fil-ħidma tagħna bħala Kunsill Lokali. Kont nieħu gost nisimgħu jitkellem dwar il-ħidma u kif affontaw l-isfidi li kienu jiffaċċjaw mat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Prattikament kellhom jibnu kollox mill-qiegħ. Frans ta kontribut siewi ħafna fl-amministrazzjoni u t-tmexxija matul dak iż-żmien. Meta kont ngħidlu bl-isfidi u l-problemi li niltaqgħu magħhom kien dejjem jisħaq kif fi żmienu ma kenitx faċli għaliex kollox kien ġdid u kien hemm stennija kbira mill-Qriema.*

*Minjaf kemm Frans qatta' sigħat jaħdem u jgħallem fil-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, qed nipproponi biex parti mill-binja tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi tissemma għas-Sur Frans Mangion bħala rikonoxximent għal dak li għamel għall-Belt Pinto, partikolarment vis-à-vis l-Kunsill Lokali.*

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-binja tal-Kunsill Lokali hija binja statali u għaldaqstant għandha tinżamm tali. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li hu ma jaqbilx li joqgħodu jissemmew kmamar fil-binja tal-Kunsill, għal persuni.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li jaqbel mal-prinċipju li persuni jibqgħu mfakkra, iżda li l-Kunsill għandu jkollu linji gwida dwar tismija ta' toroq eċċ, għax dan l-aħħar qed isiru bosta talbiet simili. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa hemm linji gwida statutorji li l-Kunsill irid jimxi magħhom.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab addizzjoni għal mozzjoni, kif ġej;

*'tintbagħat kommemorazzjoni lill-familjari bħala rikonoxximent għal ħidma mwettqa fil-Kunsill Lokali Ħal Qormi'*

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

**Ivvutaw Favur għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

**38.3 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2021.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

**38.4** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li t-tiżjin tal-Milied fit-toroq intlaqa' tajjeb ħafna, b'mod partikolari, fiz-zona tal-Vitorja, l-Christmas Tree u l-area ta' San Bastjan u l-Kunsill għandu jiproġetta li d-dwal għas-sena d-dieħla jiżdiedu.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li t-tender għax-xiri tal-vann waslet fil-proċess ta' evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bord talab li l-Kunsill japprova dan li ġej, qabel ikompli bil-proċess.

Skont it-technical specifications tat-tender, il-Kunsill talab;

- **Vehicle must have a minimum of 4 wheels and a spare wheel/ tire repair kit**

  Mill-informazzjoni li għandu l-bord, vetturi elettriċi ma jiġux bi spare wheel, iżda b'tire repair kit biss.

- **Inclusion of a geo-location and data logging facility device on board**

  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-vetturi ma jiġux bid-datatrak. Il-Kunsill qabel li din is-sistema tiġi nstallata mill-Kunsill

- **Roadside assistance agreement for a period of three (3) years as per article 33 of the Special Conditions**

  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-road assistance service jingħata mill-Insurance u mhux mis-supplier tal-vettura.

- **The minimum lifetime of the battery should be no less than 9 years.**

  Il-membri nfurmaw li l-lifetime tal-battery, bil-liġi hija ta' 8 snin u mhux 9 snin.

Il-membri tal-Kunsill approva li jibqa' għaddej bil-proċess tal-evalwazzjoni.

**38.5** **Komunikat mill-Kunsilliera**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li qed ikollu bosta lmenti dwar il-Messenger tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm 2 impjegati responsabbli mill-facebook page tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ġibed l-attenzjoni dwar l-ispralli tal-kantina privata fi Triq San Bastjan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Lokali mhux responsabbli għal dawn l-ispralli.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni dwar il-bankina mkissra fi Triq San Bastjan, fejn saret ħsara lill-bankina u nħoloq periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tgħaddi rapport lill-Pulizija u lill-BCA.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa dwar ix-xogħlijiet fi Triq Dun Marju. Il-Kunsillier Carmel Cuschieri qal li x-xogħlijiet jinsabu fil-fażi finali tagħhom.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ġibed l-attenzjoni dwar il-ġbir ta' skart fil-weekend tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-weekend inżerta li l-Milied ġie s-Sibt u l-Ħadd, qatt ma jinġabar l-iskart.

Il-membri gergru ħafna dwar is-servizz tal-kuntrattur tal-ġonna. Il-Kunsill insista li tinħareġ it-tielet default notice u jiġi tterminat il-kuntratt b'mod immedjat. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa dwar x'se jiġri sakemm jingħata tender ġdida.

Ġie deċiż li jiġi mwaqqaf kumitat sabiex jiġu mfassla t-technical specifications, iffurmat mis-Sindku Dr Josef Masini Vento, l-Viċi Sindku Donnha Barbara, Carmel Cuschieri u Daniel Ablett.

## 38.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 25 ta' Jannar 2022, fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum 25 ta' Jannar 2022.

**IFFIRMATI**

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

**IFFIRMATI**

Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv